**- Hlas ta' materjal - Oneru ta' Prova -**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2001.**

**Kawza Numru. 33**
**Citaz. Numru. 1913/96/RCP.**

**Cogeco s.a.s. ta Latina, Italja**

**vs**

**Digitech Company Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-attur huwa ta kreditur tal-konvenut fis-somma ta US$16,597 flimkien mas-somma ta Lit4,960,260 rappresentanti bilanc mas-somma akbar ta’ prezz ta’ servizz u materjal provdut fuq ordni tal-konvenut, liema materjal u servizz gew ezegwiti fuq propjeta l-Libya fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut.

Illi l-konvenut debitament interpellat baqa’ inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x’iressaq.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-Art 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur somma ekwivalenti f’Liri Maltin ghall-US$16,597 u ta’ Lit4,960,260 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet, liema konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, l-lista’ tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti minn fol 6 sa 8 tal-process;

Rat il-verbali ta' l-10 ta' Gunju 1996 u tat-12 ta' Gunju 1996 fejn Dr J R Micallef ghas-socjeta` konvenuta iddikjara illi s-socjeta` konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti u talab li jigi permess lilha li tipprezenta Nota tal-eccezzjonijiet. Huwa ddikjara li dawn l-eccezzjonijiet ser ikunu fis-sens illi l-ammont pretiz fic-citazzjoni tal-lum mhumiex l-istess bhal dak mitlub fl-ittra ufficjali precedenti u li l-oggetti (materjali) imsemmija fl-istess citazzjoni ma kienux tal-kwalita pattwita. Il-Qorti laqghet it-talba u preffigiet termimu ta' ghoxrin jum biex is-socjeta` konvenuta tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Novembru 1996 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tat-28 ta' Gunju 1996 fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici la huwa cert, la likwidu u wisq anqas dovut, u ghalhekk ma jezistux l-elementi preskritti mill-ligi biex il-kawza tigi maqtugha bid-dispensa tas-smiegh;

2. Illi, inltre dan, l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici mhux dovut, u l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-materjal u x-xoghol li ghalih qieghed jintalab il-hlas ma kienx tal-kwalita' pattwita u ghal kollox difettuz jew inaccettabbli;

3. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, parti sostanzjali mill-materjal li dwaru qieghed jintalab il-hlas, kien supplit b'xejn biex jirrimpjazza materjal precedentement konsenjat u mhallas li kien totalment difettuz, u li l-istess socjeta' attrici accettat li tispedixxi *"senza pagamento";*

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 15 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici ta' l-1 ta' Ottubru 1996 fejn permezz taghha esebit l-affidavit ta' Giorgio Ciavardini u xi dokumenti minn fol 18 sa 36 tal-process.

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 1996 fejn il-Qorti ordnat lis-socjeta` konvenuta biex tipprezenta l-provi taghha bil-procedura tal-affidavit sat-18 ta' April 1997. Il-kawza giet differita ghat-18 t'April 1998 ghal dan l-iskop u ghall-kontro-ezami tax-xhud Giorgio Ciavardini.

Rat il-verbal tat-18 t'April 1997 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi x-xhud Giorgio Ciavardini huwa *english speaking* u x-xhieda tieghu ttiehdet bl-ingliz. Rat ix-xhieda in-kontro-ezami ta' Giogio Ciavardini. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Novembru 1997 ghall-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tax-xhud Ciavardini.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 1997 fejn kompliet ix-xhieda in-kontro-ezami ta' Giorgio Cavardini. Dr Borg Cosatanzi ghas-socjeta` attrici iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Marzu 1998 ghall-provi tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tal-25 ta' Marzu 1998 fejn xehed Anthony Fenech. Dr J R Micallef prezenta nota b'zewg dokumenti. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Novembru 1998 ghall-provi tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tas-6 ta' Novembru 1998 fejn il-kawza giet differita ghall-probabbli cessjoni ghat-8 ta' Jannar 1999.

Rat il-verbal tat-8 ta' Jannar 1999 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li kull tentattiv ta' transazzjoni falla, u ghalhekk talbu li l-kawza tibqa' differita ghall-provi. Dr Micallef talab li sa fejn hu possibbli jipprezenta l-provi tieghu bil-procedura tal-affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Mejju 1999.

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta ghall-25 t'Ottubru 1999.

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 1999 fejn is-socjeta` konvenuta u d-difensur taghha msejhin tlett darbiet

ma dehrux. Dr Borg Costanzi ghas-socjeta` attrici talab li l-kawza tibqa' differita ghall-finali trattazzjoni. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-6 ta' Marzu 2000.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta tat-3 ta' Marzu 2000 a fol 70 u 71 tal-process.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2000 fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta' Mejju 2000 ghall-finali trattazzjoni u okkorrendo ghall-provvediment.

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici tal-15 ta' Marzu 2000 a fol 73 tal-process.

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2000, ta' l-4 ta' Ottubru 2000 u tat-2 ta' Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif presjeduta. Il-Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tat-3 ta' Marzu 2000 stante li hadd ma deher mis-socjeta` konvenuta biex isostni dak li hemm kontenut u allegat fl-istess rikors. Minhabba li l-Avukat Dr Joseph R Micallef, difensur tas-socjeta` konvenuta gie elevat ghall-gudikatura l-Qorti ddifferixxiet il-kawza biex fil-mori, s-socjeta` konvenuta tindika lill-Qorti min assuma l-patrocinju taghha. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2001 fejn is-socjeta` konvenuta imsejha tlett darbiet baqghet ma dehritx.

Dr Borg Costanzi talab li jitratta l-kaz u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi is-socjeta' attrici istitwiet din l-azzjoni sabiex tithallas l-allegat bilanc dovut lilha rappresentanti prezz ta' servizz u materjal provdut u esegwiti minna fuq inkarigu tal-konvenut.

Illi s-socjeta' konvenuta qed tecceppixxi li l-materjal u x-xoghol li ghalih qed jintalab il-hlas huwa difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita, u parti sostanzjali mill-materjal mertu ta' din il-kawza, gie fornit sabiex jirrimpjazza materjal konsenjat li kien ukoll difettuz, u ghalhekk tali materjal ma kellux jigi mhallas mis-socjeta' konvenuta.

Illi mill-provi prodotti u dan senjatament mix-xhieda u l-affidavit ta' Giorgio Ciavardini ghan-nom tas-socjeta' attrici jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex tforni mobbli lis-socjeta' konvenuta fir-residenza il-Libya ta' certu Ibrahim Sharif, li kien Chairman tal-kumpanija *'Rom Petrol'* li kellha konnessjonijiet mas-socjeta' konvenuta.

Illi wara li l-partijiet ftehmu fuq il-mobbli li kellhom jigu konsenjati l-Libya, s-socjeta' attrici harget *pro-forma invoice* Numru 299/92 datata 28 ta' Awissu 1992 u din inbaghtet lis-socjeta' konvenuta, fl-ammont ta' US$101,775, li fil-fatt gew ikkonsenjati kif jirrizulta mill-*invoices* numri 2/92 u 65/92 fl-ammonti rispettivi ta' US$ 30,280 u US$71,495 kif jirrizulta mid-dokumenti GC3 u GC4, u li dwarhom inghata skont ta' 10% li jwasslu ghall-ammont ta' US$91,597.50.

Illi jirrizulta li saru il-pagamenti mis-socjeta' konvenuta ta' US$25,000, US$10,000 u US$45,000 rispettivament, u ghalhekk l-merkanzija giet spedita il-Libya skond il-poloz ta' karigu immarkati bhala Dok. GC7 u GC8, u l-partijiet iffirmaw skrittura li l-ammont bilancjali dovut mis-socjeta' konvenuta kien ta' US$16,597 kif jirrizulta mid-dokument GC 6, wara l-konsenja ta' mobbli ohra fosthom dawk indikati fl-istess affidavit ta' Giorgio Ciavardini tat-30 ta' Settembru 1996 konsistenti f'wicc tal-irham, li waqt l-istalazzjoni tal-istess mobbli minn impjegati tas-socjeta' konvenuta gie mkisser u kellu jigi mibdul a spejjez tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi kif kien qed jigi nstallat ix-xoghol gew ordnati wkoll xi xkaffar skond invioce Numru 22/93 esebita bhala Dok. GC 9 fl-ammont ta' Lit.3,981,000, u dan minbarra prezz ta' *freight* tal-istess xkaffar fl-ammont ta' Lit.402,100 skond invoice esebita bhala Dok. GC10.

Ili minbarra dan qed jigu reklamati wkoll l-ammont ta' Lit.577,160 rappresentanti ghodda tas-socjeta' attrici li intuzaw mis-socjeta' konvenuta sabiex l-istess ghamara tigi nstallata minn impjegati tas-socjeta' konvenuta, u li gie miftiehem li tali ghodda tinzamm mis-socjeta' konvenuta li kellha thallas il-valur taghha msemmi lis-socjeta' attrici.

Illi dawn l-ammonti lkoll gew ippruvati tramite l-affidavit u x-xhieda tal-istess Giorgio Ciavandini, u d-dokumenti kollha minnu esebiti fosthom l-iskrittura privata datata 8 ta' Jannar 1993 maghmula fuq *letterhead* tas-socjeta' konvenuta, w iffirmata mill-istess socjetajiet, partijiet fil-kawza odjerna, fejn il-partijiet anke qabblu kif kellu jithallas l-ammont ta' US$ 16,597, permezz ta' pagament ta' US$ 5,000 u iehor ta' US$ 11,597. li baqa' ma thallasx.

Illi l-ammonti l-ohra jinsabu indikati permezz tad-dokumenti GC7 sa GC8 a fol. 32 sa 36 tal-process.

Illi inkwantu ghall-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u cioe' li l-materjal u x-xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita u kien difettuz, dan assolutament ma giex ippruvat mis-socjeta' konvenuta, u tenut kont li kien l-oneru taghhom li jaghmlu dan, din l-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi milqugha; jigi wkoll rilevat li mill-provi jirrizulta li kienu impjegati tas-socjeta' konvenuta li nstallaw ix-xoghol, u allura jekk kien

hemm allegazzjoni li x-xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita, jibqa' misteru kif ix-xoghol gie effettivament imqieghed fil-villa in kwistjoni mill-istess impjegati tas-socjeta' konvenuta, u minflok ma giex spedit lura.

Illi dwar l-eccezzjoni l-ohra li parti mill-kont tirreferi ghal xoghol jew materjal li kellu jigi mhallas mis-socjeta' attrici ghaliex kien qed jissostitwixxi materjal difettuz mibghut mill-istess socjeta' attrici, dan ma giex lanqas ippruvat, ghaliex l-prova li ingabet f'din il-kawza kienet biss li l-irhama tkissret minn impjegati tas-socjeta' konvenuta, u din kellha ovvjament tigi sostitwita a spejjez tal-istess socjeta' konvenuta, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess t-talba attrici ghandha tigi milqugha u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-tieni t-talba attrici kif dedotta,** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ekwivalenti f'Liri Maltin

ghal US$16,597 u ta' Lit.4,960,260 ghar-ragunijiet premessi skond ir-rata ta' kambju ezistenti fid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Jannar, 2001**